# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju, 2022**

Avviz tat-Talba numru: **530/2017**

**BOAT MAINTENANCE MALTA LIMITED**
[REG. NRU. C-60726]

***VERSUS***

**IVAN GERALD ZAMMIT**
[K.I. NRU. 479166M]

B'Avviz tat-Talba introdott fil-21 ta' Novembru, 2017, l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u sitta u ebghin ewro u sitta u disghin centezmu (€846.96c) u dan wara li ppremettiet hekk:

> Illi s-socjeta attrici t'opera boat yard u toffri storage ta' dghajjes u oggetti ohra relatati mal-bahar;
>
> Illi l-konvenut qieghed jaghmel uzu minn zewgt postijiet intizi ghall-storage ta' dghajes u karrijiet tad-dghajes, wiehed biex jaghmel storage ta' dghajsa u post iehor biex jaghmel storage ta' karru;
>
> Illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' tmien mija, sitta u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (846.96Ewro) liema ammont ikopri l-kera tal-istorage sa l-ahhar ta' Ottubru 2017
>
> Ghaldaqstant is-socjeta esponenti umilment titlon li dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu:-
>
> 1. Jiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' tmien mija, sitta u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€846.96Ewro) rapprezentanti hlasijiet ghall-istorage sa l-ahhar ta' Ottubru 2017;
>
> 2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tmien mija, sitta u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€846.96Ewro)

Bl-ispejjez u bl-interessi mill-31 ta' Ottubru 2017 sal-gurnata tal-hlas effettiv kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Il-konvenut Ivan Gerald Sammut ressaq Risposta fl-14 ta' Dicembru, 2017 (*a fol*. 8) fejn eccepixxa hekk:

Illi l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-ebda ammont m'hu dovut mill-esponent Ronnie Mangion lill-istess attur;

Illi s-socjeta attrici kienet tikri zewg postijiet intizi ghal storage ta' zewgt dghajjes li jgibu n-numru S18632 u S18742.

Illi fl-ebda mument ma kien hemm mitlub prezz ghad-dghajsa u prezz ghall-karru u dan jista' jigi kkonfermat li meta ma baqax jinkera l-ispazju ghad-dghajsa numru S18632, qatt ma gie inkluz xi kont dwar il-karru.

Illi ghal habta ta' l-ahhar ta' Settembru Ottubru, is-socjeta attrici permezz tas-Sur David Sammut gharrfet lill-intimat li d-dghajsa bin-numru S18724 ma tistax tibqa tinzamm gewwa l-Boat Yard tas-socjeta attrici u r-raguni li nghatat kienet minhabba xi kwistjoni mal-MEPA.

Illi l-intimat talab ghall-kont pendenti li kellu mas-socjeta attrici li min-naha taghhom gharrfuh li kien hemm kont ta' disa' mitt ewro (€900) fuq l-istorage tad-dghajsa u mitejn u hamsin ewro (€250) fuq il-karru tal-istess dghajsa.

Illi l-intimat oggezzjona ghall-kont fuq il-karru ghaliex qatt u fl-ebda cirkostanza ma ssemma l-fatt li se jkun hemm hlas fuq dan il-karru.

Illi l-intimat hallas is-somma ta' disa' mitt ewro (€900) u min-naha ta' hu l-attur infurmah li kien hemm zball ta' disejn ewro (€90) u ghalhekk il-kont kellu jkun ta' tmin mija u ghax ewro (€810).

Illi l-intimat ghalkemm kien konxju illi ma kienx hemm l-ebda hlas fuq il-karru sur riferit, huwa halli it-tmenin ewro (€80) ghand is-socjeta attrici.

Illi l-intimat kien sorpriz ghall-ahhar li minhabba pendenza li seta kien hemm ta' mija u hamsin ewro (€150) is-socjeta attrici zammet id-dghajsa bhala garanzija ta' tali hlas, xi haga illegali u abbuziva ghall-ahhar.

Illi l-intimat perezz ta' ittra legali mibghuta nhar it-tmintax (18) ta' Novembru 2016 avza lis-socjeta attrici li jrid jiehu d-dghajsa lura u dan anke wara li qabel din l-ittra legali saru hafna tentattivi biex l-intimat jiehu lura d-dghajsa.

Illi l-intimat ma kellux triq ohra hlief li jiftah proceduri Kriminali fil-konfront ta' David Sammut izda sfortunatament meta ssejhet il-kawza l-intimat kien zgwidat f'liema awla kienet se ssehh is-seduta u ghalhekk meta ssejhet il-kawza l-intimat ma kienx prezenti u l-kwerela weeghet u b'dan il-mod is-Sur David Sammut ghas-socjeta' attrici gie liberat.

> Illi l-intimat minnufih rega fetah proceduri Kriminali u dan l-istess procedure ghadhom pendenti.
>
> Illi ghaldaqstant ma hemm l-ebda ftehim biex din id-dghajsa tinzamm gewwa l-Boat Yard tas-socjeta' attrici u ghaldaqstant ghandha b'mod immedjat tigi rritornata l-istess dghajsa u dan ghaliex din id-dghajsa qieghda tinzamm b'mod illegali u abbusiv.
>
> Illi ghaldaqstant it-talba tas-socjeta' attrici hija nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-esponenti qatt ma talab biex id-daghjsa tinzamm ghall-perjodu msemmi fit-talba. Anzi a kuntrarju kien l-istess esponenti li talab biex id-daghjsa tigi rritornata lilu lura fid-data ta' Settembru 2016.
>
> Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' attrici minn issa ingunta ghas-subizzjoni salv eccezzjonijiet ohra.

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 2021 (*fol.* 83) u fl-udjenza tas-7 ta' Frar, 2022 (a *fol.* 89) il-procediment odjern thalla ghad-decizjoni wara li saret trattazzjoni orali mid-difensuri legali tal-partijiet.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-fatti ta' dan il-kaz jistghu jigu deskritti b'dan il-mod : is-socjetà attrici kienet topera *boat yard,* u l-konvenut kien jahzen f'din il-boatyard zewg dghajjes u l-karrijiet relattivi.[1] Il-kawza odjerna titratta wahda minn dawn id-dghajjas, u cioè Petercraft 32-Eezee 1 u l-karru taghha.[2] Fis-sena 2016–2017 inqala disgwid bejn il-partijiet peress li l-konvenut irrifjuta li jhallas is-somma mitluba ghall-hazna tal-karru tad-dghajsa imsemmija ghaliex insista li ma kellux ihallas separatament ghalih.[3] Is-socjetà attrici qed titlob permezz ta' din il-kawza is-somma ta' €846.96c ghall-hazna tad-dghajsa msemmija u l-karru taghha bejn il-31 ta' Ottubru, 2016 u Novembru, 2017. Minn naha tieghu il-konvenut isostni li dan l-ammont mhuwiex dovut ghaliex dak iz-zmien id-dghajsa tieghu kienet qed tinzamm mis-socjetà attrici minghajr il-kunsens tieghu talli kien qieghed jirrifjuta li jhallas ghall-karru u jghid li hu kien sahansitra ghamel kwerela kontra David Sammut, id-direttur tas-socjetà attrici, minhabba z-zamma illegali tad-dghajsa tieghu.

Hawnhekk ghalhekk ghandna s-sitwazzjoni tipika – li kull ma jmur qed issir fenomenu alkwantu frekwenti u kwotidjan fil-kawzai – fejn parti tghid haga u l-

---

[1] Ara l-affidavit ta' David Sammut a *fol.* 16, ix-xhieda tal-konvenut a *fol.* 25 *dorso.*
[2] Ara l-fattura a *fol.* 4.
[3] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 27 *dorso,* u x-xhieda ta' Benjamin Sammut a *fol.* 85 *dorso.*

parti l-ohra tghid l-oppost. L-unika haga li jaqblu fuqha l-partijiet hija li fiz-zmien relevanti, id-dghajsa u l-karru tal-konvenut kienu jinsabu mahzuna fil-*boatyard* operata mis-socjetà attrici, u li kien hemm dizgwid bejniethom dwar jekk il-konvenut kellux ihallas ghall-hazna tal-karru wkoll. Ghall-bqija, il-konvenut jghid li kienet is-socjetà attrici li zammet id-dghajsa kontra l-volontà tieghu ghaliex hu irrifjuta li jhallas ghat-*trailer*, fatt li r-rapprezentanti tas-socjetà attrici innegaw tul il-kawza kollha.

Ikollu jigi mistqarr li meta l-grajja processwali tipprezenta zewg estremi bhal dawk in dizamina, il-kompitu ta' min huwa msejjah jiddeciedi jsir ferm aktar difficli u ardwu. F'tali cirkostanzi, il-qrati taghna ghallmu li, "*fl-esperjenza forensika, f'kwazi kull process, ghal kull min jezamina l-provi blahjar reqqa, ghandha temergi xi cirkostanza, jew xi serji ta' cirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklusiva, tal-kas*" (**Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et**, Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata). Izda jigi wkoll mistqarr li dan mhux dejjem possibbli, aktar u aktar meta, il-provi ghar-rigward ikunu ta' natura kemmxejn skjetta, akkumpanjati minn verzjonijiet dijametrikament opposti wahda ghall-ohra (hekk kif inhu l-kaz *de quo*). F'tali sitwazzjonijiet, certu normi tal-Ligi u numru ta' principji guridici jissokkorru lil gudikant sabiex jaghtuh kejl ta' mizurazzjoni ai finijiet ta' decizjoni.[4] Dan it-Tribunal jerga' jiehu l-opportunità, kif ghamel f'okkazzjonijiet precedenti,[5] illi jirrimarka li m'ghandux ikun skontat il-hsieb ta' xi kontendent li jahseb bis-segwenti manjiera: «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu

---

[4] Jigi mfakkar, kif inghad in re **Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia** (Prim'Awla, 24 ta' Novembru, 1966 per Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran) illi, "*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti*." Addizzjonalment, in re **Middle Sea Insurance p.l.c. noe v. Victor Sammut** (Appell Superjuri, 2 ta' Gunju, 2003), insibu ritenut li, "*F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi esaminat liema waħda mit-teżijiet konfiliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli*." Ara wkoll *in re* **Dr. Elizabeth Vella M.D. v. Bieb Bieb Limited et** (Prim'Awla, 9 ta' Dicembru, 2011).

[5] Ara s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal, kif presjedut, *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et**, moghtija fil-15 ta' Ottubru, 2018 (mhux appellata) u *in re* **Charles Schembri v. Jean Schembri**, moghtija fid-9 ta' Jannar, 2019 (mhux appellata).

tabilfors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jista' qatt iwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikonoxxi bhala awtomatikament pruvata n-narrazzjoni ta' fatti minn xi parti. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik reali u allura, hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' lahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw, jigu sinkronizzati u jikkoezistu f'armonija reciproka fl-atti processwali tal-kaz. Dan isehh permezz tal-filtru tal-evidenza (i.e., ilprovi) li titressaq f'kawza quddiem min huwa ultimament imsejjah biex jiggudika. Tramite tali gharbiel procedurali, il-verità reali, li jafu solament il-litiganti, tigi mressqa f'forma guridika, oggettiva u konkreta lill-enti gudikanti ghall-iskrutinju taghha. B'tali mod, dik il-verità – li qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' ohra mill-litiganti – tinbidel f'verità processwali, ossia f'fattur konkret u f'fatt guridikament valevoli li jivvinkola lill-gudikant li jqis, jizen, jixtarr u jiggudika dwaru. Ghalhekk, huma l-provi li jiddeterminaw kawza u mhux l-aspettattivi tal-partijiet.

Ghal min qed jiggudika, xejn ma huwa skontat u xejn m'hu ovvju. Gudikant adit minn mertu ta' procediment ghandu jfassal id-decizjoni tieghu fuq l-bazi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u ghal tali materjal – in virtù tal-principju ta' *iura novit curia* – japplika n-norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-principju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "*iuxta allegata et probata*", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet konkretament pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi, *motu proprio*, il-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku taghna jhaddan massimi Latini[6] bhal "quod non est in actis non est in mundo",[7]

[6] Referenza ghall-massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman sehhew ghax, kif maghdud fid-decizjoni *in re* **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni No 122 riportata f'Kollez. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"*ius comune*" (ligi komuni) ta' Malta u "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*".

"*secundum acta et probata non secundum privatam scientiam*"[8] u "*non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii*".[9] Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, in re **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u in re **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010). In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat mil-awtur **AURELIO SCARDACCIONE** ("Le Prove", UTET 1965; §3, p. 8) meta jghid illi, "*il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo*."[10]

Epilogati dawn il-ftit insejamenti dottrinali u mill-gurisprudenza domestika, it-Tribunal jdawwar l-attenzjoni tieghu ghall-fattispecji ta' dan il-kaz.

Il-konvenut jaqbel li d-dghajsa tieghu kienet qed tinzamm fil-*boatyard* tas-socjetà attrici fil-perjodu bejn Ottubru, 2016 u Novembru, 2017. Jirrizulta fil-fatt li din id-dghajsa baqghet f'tali *boatyard* sa mill-inqas Dicembru, 2019.[11] Ghalhekk is-socjetà attrici pruvat li hija kienet filfatt tat dan is-servizz lill-konvenut li ghalih qed tippretendi hlas. Minn naha tieghu il-konvenut iddefenda ruhu kontra l-pretensjoni attrici mhux billi sempliciment irrespinga din il-pretensjoni, izda billi ta verzjoni kompletament gdida dwar ir-raguni ghalfejn id-dghajsa tieghu kienet tinstab fil-*boatyard* ta' l-attrici bejn Ottubru, 2016 u Novembru, 2017. Ghalhekk, l-oneru probatorju jaqa' esklussivament fuq il-konvenut li debitament jipprova l-assunt

---

Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, inter alia, **Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et** (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008); **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009); **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014); **Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et** (Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u **Sebastian Vella et v. Charles Curmi** (Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014).

[7] *traduz.*: dak li mhux ezebit fl-atti processwali, ma jezistix ghall-gudikant

[8] *traduz.*: skond dak mressaq bhala prova/evidenza, u mhux skond dak li jaf personalment il-gudikant.

[9] *traduz.*: mhux dak li jaf personalment il-gudikant, izda dak li hu importanti huwa li l-fatt ikun imressaq u imwassal lil min hu tenut jiggudika f'forma u f'manjiera ta' evidenza.

[10] Addizzjonalment mill-perspettiva Ingliza wiehed jirreferi ghad-dictum ta' Lord Thomson LJ.C, fil-kaz in re «**Thomson v. Corporation of Glasgow**» (1962 SC [HL] 36 at 52) fejn sostna illi, "*It is on the basis of two carefully selected versions that the Judge is finally called upon to adjudicate . . . He is at the mercy of contending sides whose whole object is not to discover truth but to get his judgment. That judgment must be based only on what he is allowed to hear. He may suspect that witnesses who know the "truth" have never left the witness-room for the witness-box because neither side dares risk them, but the most that he can do is to comment on their absence*." (cfr. **HEYDON J. D.**, "Cross on Evidence", 8th Australian edition, LexisNexis Butterworths Australia, 2010, §17135, p.531).

[11] Ara l-verbal tat-30 ta' Ottubru 2019 *a fol.* 48, u n-nota prezentata mill-konvenut fit-13 ta' Jannar 2020 flimkien mad-dokumenti annessi *a fol.* 53.

tieghu u dan in virtù tar-regola "reus in excipiendo fit actor"[12] li mbaghad trid tigi mhaddma fid-dawl ta' dak artikolat taht l-Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili li jipprovdi li, "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*."

Wara li ezamina bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza, it-Tribunal iqis li l-verzjoni moghtija mill-konvenut li bejn Ottubru, 2016 u Novembru, 2017 id-dghajsa u l-karru tieghu kienu qed jinzammu mis-socjetà attrici kontra l-kunsens tieghu ma gietx debitament pruvata minnu u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. L-ewwel nett, din l-allegazzjoni tal-konvenut hija kompletament kontradetta mill-imgieba tieghu. Skont il-konvenut id-dghajsa tieghu kienet ilha tinzamm mis-socjetà attrici kontra r-rieda tieghu minn Novembru, 2016. Però, din id-dghajsa thalliet fl-imsemmi *boatyard* minn tal-inqas sa Dicembru, 2019, u dan minkejja li waqt l-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2019 kien gie vverbalizzat li l-konvenut seta' jmur jirtira d-dghajsa u l-karru mill-istabbiliment ta' l-attrici (*a fol.* 41). Anke kieku kellu jigi accettat li kien biss f'dan il-punt li s-socjetà attrici ippermettiet lill-konvenut jirtira d-dghajsa u l-karru tieghu, huwa kontra-sens ghall-verzjoni tal-konvenut li huwa halla d-dghajsa u l-karra tieghu fil-*boatyard* proprju tul ix-xhur tas-sajf li huma x-xhur meta l-iktar ser tintuza d-dghajsa, partikolarment meta din id-dghajsa kienet allegatament tintuza ghan-negozju tal-konvenut.[13] Il-konvenut produca *recording* ta' telefonata bejnu u bejn certu Christian Cassano, fejn Cassano informa lill-konvenut li allegatament kienet dahlitlu telefonata b'theddida biex ma jersaqx lejn il-*boatyard* tas-socjetà attrici biex jirtira d-dghajsa tal-konvenut. F'dan ir-rigward it-Tribunal josserva li dan Christian Cassano ma giex prodott sabiex jixhed bil-gurament tieghu dwar dan it-theddid li allegatament ircieva u ghalhekk it-Tribunal iqis li din ir-*recording* m'ghandha l-ebda valur probatorju.[14]

---

[12] 1 "*L'espressione indica che, in ordine alle eccezioni, il convenuto assume la posizione di attore. Ciò vuol dire che il convenuto il quale sollevi un'eccezione, ha l'onere di provare i fatti posti a fondamento dell'eccezione stessa*" (cfr. **FEDERICO DEL GIUDICE**, "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini", Simone ed. IV, 2011; vuci: "reus in excipiendo fit actor", p. 287). Ara wkoll **UMBERTO ALBANESE**, "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine", Hoepli 1993; vuci: "reus in excepione actor est", p. 347). Mix-xena domestika, fost numerevoli decizjonijiet, ara dik in re **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi** (Appell Inferjuri, 12 ta' April, 2007) sostniet hekk: "*ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib ilprova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghassostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')*."

[13] Ara l-ittra mibghuta mill-avukat difensur tal-konvenut lis-socjetà attrici fit-18 ta' Novembru, 2016 *a fol.* 19 *dorso*.

[14] *Recording* esebita mill-konvenut permezz ta' nota tat-13 ta' Jannar, 2020 a *fol.* 53.

ii. It-Tribunal iqis ukoll kompletament inverosimili li l-konvenut kien ser jitlef tlett snin redittu minn din id-dghajsa minhabba disgwid fuq somma ta' €150, li hija s-somma li l-konvenut jghid li kien gie mitlub li jhallas minn Benjamin Sammut.[15]

iii. Huwa wkoll inverosimili li l-konvenut ma kien ser jiehu l-ebda passi ghal tant snin meta s-socjetà attrici kienet qed izomm, allegatament kontra r-rieda tieghu, d-dghajsa tieghu li skond hu tiswa aktar minn mitt elf ewro u li hu juza ghan-negozju tieghu. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien ghamel rapport wiehed lill-Pulizija li minn naha taghhom kienu resqu lil David Sammut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mixli b'akkuza ta' ragion fattasi.[16] Jirrizulta li Sammut kien gie lliberat minn din l-akkuza ghaliex ma kienx gie mharrek f'isem il-kumpannija. F'dan ir-rigward it-Tribunal jirrileva li ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati ikkonsidrat li Sammut "*irritjena tali dghajsa*" biex jikkawtela dritt li seta' kellu skont id-dritt civili, ma jirrizultax jekk din il-konsiderazzjoni hijiex ibbazata biss fuq xhieda ta' Zammit jew jekk hijiex ibbazata wkoll fuq xhieda ta' Sammut, u ghalhekk it-Tribunal ma jqis li din hija prova li jista' jibbaza fuqha l-konvinciment morali tieghu f'din il-kawza.[17] Ma jirrizultax li l-konvenut ha xi passi ohra sabiex jigi rripristinat fil-pussess tad-dghajsa tieghu, la permezz ta' kwerela ohra lill-Pulizija u lanqas permezz ta' proceduri civili. Dan in-nuqqas minn naha tal-konvenut li jiehu dawk il-passi necessarji sabiex jigi rripristinat fil-pussess tad-dghajsa tieghu jikkontradici serjament il-posizzjoni li ha f'din il-kawza li d-dghajsa kienet qed tinzamm mis-socjetà attrici kontra r-rieda tieghu.

iv. Fl-atti gew prodotti interpellazzjonijiet mibghuta mis-socjetà attrici lill-konvenut sabiex inehhi d-dghajsa tieghu mill-istabbilment taghha.[18] Ghalkemm huwa minnu li uhud dawn l-interpellazzjoni huma tas-sena 2018, m'huwiex kontestat li sa dak iz-zmien il-konvenut kien ghadu ma hallasx ghall-karru li dwaru l-konvenut jghid li kien inqala d-dizgwid bejn il-partijiet, oltre li sa dak iz-zmien kien akkumula wkoll il-bilanc pretiz mis-socjetà attrici f'din il-kawza. Ikkonsidrat li l-konvenut jghid li s-socjetà attrici zammet id-dghajsa u l-karru tieghu minhabba r-rifjut

---

[15] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 27 *dorso.*
[16] Ara t-Tahrika tal-Kawza a *fol.* 62..
[17] Hawnhekk it-Tribunal jinnota li l-konvenut ma qal xejn dwar dan il-proceduri fix-xhieda tieghu hlief li fl-ewwel udjenza kien gie dikjarat procediment ezawrit minhabba n-nuqqas ta' dehra tieghu u li ghalhekk kellu jintavola rikors biex il-kawza tigi riappuntata.
[18] Ara l-email mibghut fit-12 ta' Novembru, 2016 a *fol.* 35 l-email mibghut minn Daniel Sammut fil-5 ta' April, 2018 a *fol.* 20 u l-ittra mibghuta gurnata qabel a *fol.* 20 *dorso*

tieghu li jhallas €150 ghall-hazna tal-karru, ma jaghmel l-ebda sens li s-socjetà attrici kienet allura ser tinterpella lill-konvenut biex inehhi d-dghajsa u l-karru tieghu mill-istabbiliment taghha meta mhux talli l-konvenut kien ghadu ma ssaldax il-pretensjoni originali taghha, izda talli l-pretensjoni taghha kompliet kibret u ma jidhirx li kien hemm prospett li ser tithallas bonarjament.

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal iqis li l-konvenut ma sehhlux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li s-somma ta' €726.97 mhijiex dovuta minnu ghaliex qed tigi mitluba ghal zmien meta s-socjetà attrici kienet qed izomm id-dghajsa u l-karru tieghu kontra l-volontà tieghu.

Is-sitwazzjoni hija distinta fir-rigward tas-somma ta' €119.99 pretiza mis-socjetà attrici fir-rigward tal-karru tal-konvenut. Il-konvenut jinnega li l-karru tad-dghajsa tieghu kien qieghed jinzamm separat mid-dghajsa u jsostni li hu qatt ma kien gie mitlub qabel sabiex ihallas somma separata ghall-karru. Minn naha taghha s-socjetà attrici ssostni li l-konvenut kien qieghed izomm il-karru ta' din id-dghajsa mhux taht id-dghajsa izda separat minnha u kien ghalhekk li kienet qed tippretendi hlas separat ghall-hazna tieghu.

Fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza irrizulta li fil-verità ma kienx il-konvenut li kien pogga l-karru separatament mid-dghajsa. Skont ix-xhieda in kontro-ezami ta' Daniel Sammut, il-karru kien ittiehed fl-istabbilment tas-socjetà attrici sabiex jigi mahzun xi xhur wara li kienet ittiehdet id-dghajsa (*fol.* 45). Skont Sammut il-karru kien ittiehed fuq il-post minn terzi persuni u hu kien iddecieda li jahzen l-karru separatament ghaliex ma kellhux struzzjonijiet mill-konvenut biex ipoggi l-karru taht id-dghajsa, u l-karru kien difettuz u ghalhekk ma riedx jiehu r-responsabbiltà li jghabbi d-dghajsa fuqu (*fol.* 45). Sammut jghid li kkomunikaw mal-konvenut dwar dan, izda l-ebda prova ta' dan ma tresqet. Ma jirrizultax lanqas li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet dwar il-hlas li kellu jsir ghall-hazna separata tal-karru.

Fil-fehma tat-Tribunal, galadarba s-socjetà attrici naqset milli tipprova li dan il-karru kien mahzun separat mid-dghajsa fuq struzzjonijiet mill-konvenut jew bi ftehim mieghu, l-ebda ammont m'ghandu jithallas mill-konvenut fir-rigward tal-hazna tal-karru.

Qabel l-gheluq ta' din is-sentenza, ma jkunx futili jigi mfakkar illi, "*Hu fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant li jislet mill-istess provi dik il-prova li hu jqis l-aktar attendibbli u affidabbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment u li jwarrab jew jiskarta dik il-prova li hu jqis inkompatibbli mar-*ratio decidendi *adottata*." (**Elizabeth Bugeja v. Anthony *sive* Tony Muscat** Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 2007).

Inoltre, kontendent fi proceduri gudizzjarji (kemm attur u kif ukoll konvenut) ma jistax jippretendi illi min ghandu jiggudika ghandu jaccetta bhala sagrosant l-assunzjonijiet kollha tieghu kontra l-konvinzjonijiet ta' min hu tenut jiggudika (*vide* **Antoine Vassallo v. Paul Portelli**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008) ghax, kif maghruf, il-gudikant, f'sede civili, hu fakoltizzat bid-diskrezzjoni li japprezza l-elementi probatorji akkwiziti u li jispogola minnhom dawk il-fonti ta' provi li hu jidhirlu l-aktar idoneji biex isostni d-decizjoni tieghu (*vide* **Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et,** Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008). Anzi, jinsab sahansitra rikonoxxut illi anke jekk sabiex tasal ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza, il-qorti ta' l-ewwel grad taghzel tistrieh kwazi ghal kollox fuq ir-rizultanzi istruttorji forniti minn parti wahda, u mhux fuq l-assjem tal-provi, dan ma jgibx ghal daqshekk illi s-sentenza hi radikalment hazina jew erroneja (ara f'dan is-sens *vide* **Bonalco Aluminium Limited v. John Peresso**, Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007). Ir-raguni wara dan jista' jinsilet mill-kliem utilizzat mill-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana, fil-kaz ta' '*Zambelli c. Tarozzo*' tat-28 ta' Jannar, 1977, fejn hemm affermat hekk: "*L'obbligo della motivazione deve ritenersi assolto dal giudice del merito ogni qualvolta questi indichi gli elementi sui quali fonda il proprio convincimento, dovendo ritenersi disattesi, per implicito, quei diversi rilievi e quelle circostanze, che, sebbene non menzionati espressamente, siano logicamente incompatibili con la decisione addottata*." (*cfr*. "**Massimario della Giurisprudenza Italiana**" Anno XLVII – 1977; UTET 1979, massima nru. §444 riportata f'pagna 107). Ghalkemm din is-sentenza ma tirreferix specifikatament ghal kull prova dokumentarja u kull deposizzjoni testimonjali u kull sottomissjoni maghmula mid-difensuri – filwaqt li jigi assikurat li dawn gew kollha ezaminati – l-omissjoni taghhom hi dovuta ghall-fatt li dak ommess ma kienx rilevanti ghall-kunsiderazzjonijiet hawnhekk intraprizi.[19]

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' limitatament it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-

[19] (*cass. civ.*, Sez. VI-3, sentenza nru. 16467 ta' l-4 ta' Lulju, 2017): "*La valutazione delle risultanze delle prove ed il giudizio sull'attendibilità dei testi, come la scelta, tra le varie risultanze probatorie, di quelle ritenute più idonee a sorreggere la motivazione, involgono apprezzamenti di fatto riservati al giudice di merito, il quale è libero di attingere il proprio convincimento da quelle prove che ritenga più attendibili, senza essere tenuto ad un'esplicita confutazione degli altri elementi probatori non accolti, anche se allegati dalle parti*." (*cass. civ.*, Sez. Lavoro, sentenza nru. 13485 tat-13 ta' Gunju, 2014): "*In tema di prova, spetta in via esclusiva al giudice di merito il compito di individuare le fonti del proprio convincimento, di assumere e valutare le prove, di controllarne l'attendibilità e la concludenza, di scegliere, tra le complessive risultanze del processo, quelle ritenute maggiormente idonee a dimostrare la veridicità dei fatti ad esse sottesi, assegnando prevalenza all'uno o all'altro dei mezzi di prova acquisiti, nonché la facoltà di escludere anche attraverso un giudizio implicito la rilevanza di una prova, dovendosi ritenere, a tal proposito, che egli non sia tenuto ad esplicitare, per ogni mezzo istruttorio, le ragioni per cui lo ritenga irrilevante ovvero ad enunciare specificamente che la controversia può essere decisa senza necessità di ulteriori acquisizioni*."

somma ta' seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u sebgha u disghin centezmu (€726.97c), bl-imghax dekoribbli mis-6 ta' Dicembru 2017, u cioè mid-data tan-notifika tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu in kwantu ghal 85% mill-konvenut u in kwantu ghal 15% mis-socjetà attrici.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*